*KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ*
*Triq il-Knisja – Iż-Żebbuġ*
*Nri. tat-tel.: 21563056/27563056*
*E-mail: zebbug.gozo.lc@gov.mt*

*KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ*

*KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN*

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

## *ZUMBA (R) FITNESS CLASSES*

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għandu talba biex jorganizza Zumba (R) Fitness Classes fil-grawnd tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ. Dawn il-klassijiet ser ikunu maqsuma f' għaxar sessjonijiet ta' siegħa l-waħda u l-ħlas ikun €30 kull parteċipant. Dawk interessata f' dawn il-klassijiet, mitluba jinkitbu l-Kunsill **sal-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2015**.

## ĦARĠA GĦAL MALTA

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ ser jorganizza ħarġa għal Malta nhar **it-Tlieta 3 ta' Novembru 2015**. Nitilqu minn Pjazza l-Assunta fis-6.45 ta' filgħodu u niġu lura mal-vapur tal-3.45 ta' filgħaxija.

Ser inżuru fost l-oħrajn is-suq tal-Birgu, ikollna quddiesa l-Floriana, mawra sal-Belt Valletta u wara nitilqu għal Buġibba.

Dawk li jixtiequ jiġu magħna, għandhom jibbukkjaw fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali **sal-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2015.**

## QTUGĦ TA' ŻEBBUĠ

Navżaw li r-residenti taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn jistgħu jaqtgħu żebbuġ mis-siġar taż-żebbuġ li l-Kunsill Lokali għandu fi Triq iż-Żebbuġ.

**22 ta' Ottubru 2015** **Nru. 10/2015**